# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 12 ta' Novembru 2001

Citazzjoni numru 1538/97 AJM

Kawza numru

Malta Planning and Design Consult Limited

Vs

Kunsill Lokali tal-Hamrun

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fl-1 ta' Lulju 1997 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi hu ppresta servizzi professjonali lill-Kunsill Lokali tal-Hamrun ghar-rigward progett li l-istess Kunsill ried iwettaq fil-lokalita' tieghu ghall-preparazzjoni ta' 'brochure'; illi ghal dan is-servizz hija dovuta s-somma ta' elf mija u hamsin lira maltin (LM1,050.00) VAT inkluza, liema somma l-kunsill Lokali ma jridx jhallas; illi wkoll wara li l-Kunsill Lokali kien biddel il-konsulenti tieghu fuq il-progett, bi ftehim bejn il-partijiet, kien naqqas wiehed fil-mija (1%) mid-drittijiet professjonali peress li ma kienux ser jintuzaw il-pjanti kif approvati mill-Awtorita' tal-Ippjanar u mfassla mis-socjeta' attrici; illi

issa rrizulta li huma dawn il-pjanti li se jigu uzati; illi ghal dan it-tieni servizz hija dovuta s-somma ta’ tliet elef erba’ mija u sitta u hamsin lira (LM3456.00); illi ghalhekk is-somma komplessiva dovuta mill-konvenut lis-socjeta’ attrici huwa ta’ LM4606.00; talab li din il-Qorti:-

1. tikkundanna lill-Kunsill Lokali tal-Hamrun ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma komplessiva ta’erbat elef sitt mija u sitt liri VAT inkluza (LM4606.00), ghar-ragunijiet fuq indikati.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri ufficjali tat-23 ta’ Mejju u 23 ta’ Gunju 1997 u bl-imghax legali mil-lum sal effettiv pagament kontra il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-attur.

Rat in-nota tal-konvenut presentata fit-30 ta’ April 1998 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi l-azzjoni attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress illi l-Kunsill kien bghat cheque lid-ditta attrici “in full and final settlement” u dan ic-cheque kien gie accettat u msarraf mid-ditta attrici minghajr protesta.
2. Illi l-Kunsill hallas lid-ditta attrici dak kollu dovut lilha skond il-ftehim u skond il-ligi u ghalhekk ma hemm ebda somma ohra dovuta.
3. Illi t-talba ghal kull hlas talvolta bilancjali hija preskritta skond l-artikolu 2149(c) tal-Kodici Civili.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xiehda tal-konvenut.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti u tas-sottomissjoni tal-kontendenti.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-11 ta' Gunju 2001 meta l-kawza giet imhollija ghas-sentenza.

Ittrattat il-kawza.

Ikkunsidrat:-

Qabel xejn ghandu jinghad li din il-kawza li originarjament bdiet fuq talba ghal hlas tas-somma ta' LM4606 rappresentanti in parti drittijiet professjonali tal-attur bhala perit u in parti ghall-spejjes u drittijiet in konnessjoni mal-preparazzjoni ta' Brochure, illum hija ridotta ghall-ammont reklamat fir-rigward tal-"*brochures*" in kwantu l-attur b'nota tal-20 ta' Marzu 2000 irrinunzja ghat-talba tieghu vis-a-vis drittijiet professjonali u zammha ferma fil-konfront tal-brochure. Izda ghandu ukoll jigi rilevat f'dan ir-rigward li l-imsemmija nota hija zbaljata inkwantu t-talba giet ridotta ghas-somma ta' LM1050 bhala drittijiet tal-brochure mentri fic-citazzjoni s-somma relativa ghal dan is-servizz hija indikata bhala elf  mija u hamsin lira maltin (inkluz VAT). Id-difensur ta' l-attur probabilment gie zgwidat billi din is-somma murija fi figuri hija miktuba inkorrettament bhala LM1050. L-ammont reklamat mill-attur ghalhekk qed jigi korrett ghas-somma ta' LM1150 kif sorrett mill-ittra tieghu stess tal 10 ta' Mejju 2000 lill-konvenut fejn tissemma s-somma ta' LM1000 (plus VAT li huwa ta' 15%) bhala prezz ta' dan is-servizz.

Illi jigi rilevat ukoll li donnu llum l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut qed tigi mwarba u dana billi fl-istess nota ta'osservazzjonijiet tal-konvenut hemm ammissjoni da parti tal-istess kunsill ghall-hlas ta' parti mill-imsemmi kont. Sar hekk billi l-kwistjoni

kollha issa tirrivolvi dwar jekk l-ammont reklamat mill-attur ghas-servizzi tieghu ghal preparazzjoni tal-Brochure kellhomx jithallsu kollha mill-kunsill Lokali tal-Hamrun u dan jigi rifuz in parti mill-kunsill lokali ta' Santa Venera, jew jekk l-ammont dovut mill-konvenut ghandu jirrapresenta biss dak is-sehem li jispetta lill-istess konvenut.

Fil-fehma ta' din il-Qorti z-zewg dokumenti li ghandhom certa relevanza fir-rizoluzzjoni tal-kwistjoni li involviet diversi xhieda fit-tul, huma l-ittra tal-attur tal-10 ta' Mejju 2000 lill-Kunsill Lokali Hamrun fejn l-istess attur jispjega li d-drittijiet tieghu kellhom jithallsu kwantu ghal 60% mill-kunsill Lokali Santa Venera u 40% mill-Kunsill Lokali Hamrun. U l-ittra tal-15 ta' Frar 2000 tal-Kunsill Lokali Santa Venera mibghuta lis-Segretarju Ezenuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Hamrun fejn jinghad hekk: "*Nirriferik ghall-ittra tieghek tat-28 ta' Jannar lis-Sehretarju tal-Kunsill dwar hlas li sar mill-Kunsill Lokali Santa Venera in konessjoni ma' Brochure on Enviornmental Improvement of St. Joseph High Road ippreparat mill-kumpanija MP & DC. Il-hlas maghmul mill-Kunsill Lokali Santa Venera f'Settembru 1996 ghall-parti tieghu kien ta' LM828.*"

Huwa minnu li fl-ittra ta' l-attur tal-10 ta' Mejju 2000 hu jsostni li fic-cirkostanzi tal-gurnata kien "led the undersigned to assume that the costs for the preparation of the brochure in question was to be borne by your council (il-Konvenut). Subsequently the Santa Venera Local Council was to reimburse you for its part of the brochure." Izda tali assunzjoni da parti tal-attur hija gratuwita u mhux sorretta minn ebda xhieda u fi kwalunkwe kaz jidher inkontestat li l-istess attur thallas mill-Kunsill Lokali Santa Venera sehemhom (u anke izjed) mill-kont tieghu tal-Brochure. L-attur qatt ma ikkontesta dak li intqal mis-Sindku

tal-Kunsill ta' Santa Venera u fl-assenza ta' prova kontrarja, tikkonkludi li l-attur gja thallas in parti ghas-servigi tieghu fil-preparament tal-Brochure mill-Kunsill l-iehor koncernat u cioe dak ta' Santa Venera.

Illi ghalhekk jidher li l-attur kull ma fadallu jiehu huwa 40% mill-kont ta' LM1150 u dana kif spjega hu stess bhala rappresentanti sehem l-Kunsill konvenut mill-ispejjes in kwistjoni u cioe LM460. Dan l-ammont qed jigi ammess mill-konvenut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tiddisponi minn din il-vertenza billi filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni billi hemm rikonoxximent tad-debitu, u filwaqt li tastjeni milli tikkunsidra l-ewwel eccezzjoni billi jirrizulta ampjament li din kienet tirriferi biss ghall-ammont reklamat bhala drittijiet professjonali li ma ghadhomx jifformaw mertu tal-kawza, tikkundanna lill-konvenut Kunsill Lokali tal-Hamrun ihallas lill-attur is-somma ta' erba' mija u sittin lira maltin (LM460) rappresentanti erbghin fil-mija mill-kont ghas-servizzi ta' l-attur ghall-preparazzjoni tal-"Brochure".

Billi l-ammont finalment dikjarat dovut jirrapresenta ghaxra fil-mija tal-ammont originarjament reklamat fic-citazzjoni l-ispejjes ta' dawn il-proceduri gahndhom jigu sopportati kwantu ghal decima parti mill-konvenut u disgha minn ghaxar partijiet mill-attur. L-imghax jibda jiddekorri millum.